MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Ġunju, 2019

Rikors Maħluf Numru 302/2017 LM

**Francine Cini (KI 886G)**

***vs.***

**Robert Galea (KI 420780M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' April, 2017 mill-attriċi **Francine Cini** (K.I 886G) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

i. *Illi nhar is-sebgħa ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (07.10.2016), waqt li kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut kienu fil-proprjetà tal-konvenut fis-Siġġiewi, iljun miżmum mill-konvenut fl-istess proprjetà attakka u gidem għall-għarrieda lill-attriċi f'dirgħajha x-xellugija;*

ii. *Illi b'riżultat ta' din il-gidma xejn minima, l-attriċi sofriet danni u debilità permanenti f'dirgħajha u idejha x-xellugija, kif jista' jirriżulta aħjar minn*

*ċertifikati mediċi illi ser jiġu prodotti tul is-smigħ ta' din il-kawża u kif ser jixhdu aħjar kirurgi u tobba illi kienu u għadhom involuti f'dan il-każ;*

iii. *Illi dan l-inċident seħħ esklussivament u unikament minħabba n-negliġenza, traskuraġni u imprudenza da parti tal-konvenut, kif ser jiġi spjegat aħjar tul is-smigħ ta' din il-kawża;*

iv. *Illi sussegwentement, il-konvenut huwa unikament u esklussivament responsabbli għall-imsemmi inċident u għad-danni konsegwenzjali illi sofriet l-attriċi;*

v. *Illi l-konvenut ġie interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attriċi, iżda dan baqa' inadempjenti u allura l-attriċi ma kellha l-ebda triq oħra għajr illi tiftaħ il-kawża odjerna;*

vi. *Illi l-attriċi għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti illi taw lok għal din il-kawża.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi:-*

(i) *Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament u esklussivament responsabbli għall-inċident illi seħħ fis-sebgħa ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (07.10.2016) kif hawn fuq spjegat, u għad-danni konsegwenzjali kollha;*

(ii) *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attriċi, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*

(iii) *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tlieta u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (23.02.2017) kontra l-konvenut li qed jiġi minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Robert Galea** (K.I. 420780M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Mejju, 2017 u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi l-allegat inċident li l-attriċi tirreferi għalih seħħ unikament tort tal-attriċi stess, u dan riżultat ta' inattenzjoni, traskuraġni u imprudenza liema bħalha da parti tal-attriċi stess;*

2. *Illi l-allegati danni u debilitajiet sofferti mill-attriċi rriżultaw mill-inattenzjoni, traskuraġni u imprudenza tagħha stess, u għalhekk il-konvenut ma jaħti xejn tagħhom;*

3. *Illi r-responsabbilità għall-inċident relattiv bil-konsegwenzi u r-riżultanzi kollha tiegħu hija unikament u esklussivament tal-attriċi stess;*

4. *Illi l-attriċi hija konsapevoli tar-responsabbilità tagħha stess għall-imsemmi inċident; u*

5. *Illi l-konvenut jiċħad li huwa kellu, għandu jew jista' jkollu xi responsabbilità fir-rigward tal-imsemmi inċident u tal-allegati danni u/jew debilitajiet riżultanti.*

*Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna hija azzjoni għad-danni wara inċident li allegatament seħħ fi proprjetà tal-konvenut, meta l-attriċi daħħlet idejha f'gaġġa fejn il-konvenut kien qiegħed iżomm iljun, u dan ħatfilha idejha u kkawżalha xi ġrieħi. L-attriċi

tgħid li minħabba f'dawn il-ġrieħi hi sofriet debilità permanenti f'idejha x-xellugija, u ssostni wkoll li dan l-inċident ma kienx iseħħ li ma kienx għan-negliġenza, traskuraġni, u imprudenza tal-konvenut. Permezz tal-azzjoni tagħha, l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, u għalhekk għandu jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-imsemmi inċident.

Il-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li hu bl-ebda mod m'għandu jinżamm responsabbli għall-imsemmi inċident u għad-danni sofferti mill-attriċi, u qal li l-ħtija għal dak li ġara kienet unikament tal-attriċi li kienet traskurata u imprudenti meta daħħlet idejha fil-gaġġa fejn kien qiegħed jinżamm l-iljun tal-konvenut.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attriċi l-*affidavit* tagħha qalet[1] li hija kienet ħabiba tal-konvenut, tant hu hekk kien hemm żmien fejn kienet tiffrekwenta proprjetà li dan kellu fis-Siġġiewi, fejn kien iżomm għadd ta' annimali domestiċi u eżotiċi, fosthom iljun. Qalet li fis-7 ta' Ottubru, 2016, hija kienet qiegħda fil-bitħa tal-imsemmija proprjetà tal-konvenut, meta dan issuġġerilha li ddaħħal idejha fil-gaġġa fejn jinżamm l-iljun sabiex tmellsu, u l-konvenut aċċertaha li l-iljun ma kien ser jagħmlilha xejn. L-attriċi qalet li minkejja li għall-bidu bdiet taħsibha, madanakollu ddeċidiet li tagħmel kif issuġġerielha l-konvenut minħabba li dan serħilha moħħha li l-iljun ma kien ser jagħmillha xejn. Spjegat iżda li hekk kif daħħlet idejha fil-gaġġa, l-iljun kien pront ħatafhielha b'saħħa tant li minkejja

[1] *A fol.* 17 tal-proċess.

li hi kienet tatu biss il-pala ta' idha, l-iljun ħatfilha dirgħajha kollha. Qalet li l-konvenut kien pront beda jagħti lill-iljun bil-ponn sabiex dan jiftaħ ħalqu u meta rnexxielha tinħeles minn ħalq l-iljun indunat li kien hemm biċċiet minn idejha mqattgħin b'ħafna demm. Minkejja dan, il-konvenut għall-ewwel beda jinsisti li jdewwiha hu, iżda fuq insistenza tal-attriċi, wara xi ħin ħadha fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar. L-attriċi qalet li sa dak il-ħin qabadha uġigħ insopportabbli, tant li kellha tingħata l-morfina. Żiedet tgħid li mit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar sar kuntatt mal-Pulizija, u l-attriċi qalet li hija semgħet lill-konvenut jgħid lill-Pulizija li lill-attriċi kien gidimha kelb waqt li kienu mexjin fl-inħawi tar-Rabat. L-attriċi qalet li kien biss wara li ġiet operata, li setgħet tagħti d-dettalji kollha ta' kif seħħ l-inċident. Żiedet tgħid li l-ferita li għandha hi waħda fonda ħafna, tant hu hekk kienet damet madwar xahar u nofs biex għalqet, f'liema żmien hi kellha tieħu diversi mediċini kontra l-uġigħ u biex tikkumbatti l-infezzjonijiet, kif ukoll kienet iddewwi l-ferita ta' kuljum ġewwa klinika. L-attriċi qalet li dawn il-feriti huma viżibbli ħafna u l-punti li sarulha ħallew marki li mhumiex sbieħ. L-attriċi kompliet tispjega li hi omm ta' żewġt itfal, u konsegwenza tal-imsemmi inċident qiegħda tesperjenza diversi diffikultajiet fil-ħajja tagħha ta' kuljum, partikolarment minħabba fl-uġigħ u fin-nuqqas ta' saħħa li hi għad għandha f'idejha x-xellugija. Żiedet tgħid li mhux biss għandha diffikultajiet biex tagħmel ix-xogħol tad-dar, tqandel ix-xirjiet u l-basktijiet tal-iskola tat-tfal, iżda lanqas lil uliedha ma tista' terfa'. L-attriċi kkonkludiet li s-saħħa minn idejha telqitilha kompletament, tant hu hekk lanqas saħħa taqleb l-ikel ma jkollha, u meta tmiss ma' ċertu wċuħ tesperjenza xokkijiet. Kompliet tgħid li n-nervituri ta' jdejha m'għadhomx risponsivi, tant hu hekk lanqas għadha tista' tagħraf jekk l-ilma jkunx sħun jew kiesaħ.

Omm l-attriċi **Grace Cini** fl-*affidavit* tagħha tgħid[2] li bintha kellha inċident meta gidimha iljun waqt li kienet fil-proprjetà tal-konvenut. Ix-xhud ikkonfermat li l-attriċi kellha feriti fondi f'idejha, tant hu hekk li dawn damu madwar xahar u nofs biex bdew jagħlqu. Ix-xhud tgħid li bintha kienet tmur iċ-ċentru tas-saħħa sabiex issirilha l-medikatura kuljum, għalkemm wara xi żmien bdiet tmur darba iva u darba le. L-attriċi kkonfermat li konsegwenza tal-inċident, bintha l-attriċi għadha ssofri minn diversi restrizzjonijiet, fosthom meta tiġi biex tagħmel ix-xogħol tad-dar, jew biex tqandel ix-xiri u għalhekk bintha m'għadhiex indipendenti bħalma kienet qabel. Ix-xhud spjegat ukoll li in vista tal-fatt li l-attriċi hi omm ta' żewġt itfal żgħar, din ikollha diffikultajiet meta tiġi biex terfagħhom speċjalment meta jkunu ma jifilħux, jew meta dawn jorqdu fil-karozza. Ix-xhud qalet li bintha spiss tilmenta li s-saħħa minn idejha marritilha, tant hu hekk li jkun hemm drabi meta lanqas tkun tista' taqleb l-ikel minn ġo taġen jew borma, u m'għadhiex tista' tiddistingwi bejn oġġett jaħraq u oġġett kiesaħ.

Fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2017 xehed **Mr Martin Skodacek**[3], li qal li l-attriċi ġiet riferuta lilu mit-Taqsima tal-Ortopedija tal-Isptar Mater Dei fit-28 ta' Ottubru, 2017, u dan wara li fit-8 ta' Ottubru, 2017 kien sar intervent kirurġiku fuq l-attriċi mill-konsulent ortopediku Mr Thomas Azzopardi. Ix-xhud qal li dak iż-żmien, li kien biss ftit wara li seħħ l-inċident mertu tal-kawża, kienu saru xi testijiet nevroloġiċi fuq l-attriċi. Ix-xhud qal li huwa reġa' ra lill-attriċi wara li saru dawn it-testijiet, fejn ġie stabbilit li l-moviment fis-swaba' kien tjieb. Ix-xhud qal li mit-testijiet li saru fuq l-attriċi rriżulta li din ma sofriet l-ebda ħsara nevroloġika fis-swaba' tagħha.

---

[2] *A fol.* 19 tal-proċess.
[3] *A fol.* 35 tal-proċess.

**Mr Thomas Azzopardi**, konsulent ortopediku, fl-*affidavit* tiegħu qal[4] li huwa kien eżamina lill-attriċi fit-8 ta' Ottubru, 2016, u seta' jikkonstata li din kellha *multiple lacerations* fid-driegħ tax-xellug, u dan wara li allegatament gidimha kelb. Ix-xhud spjega li l-attriċi ngħatat antibijotiċi fil-vina u ġiet operata dakinnhar stess sabiex il-feriti li kellha setgħu jiġu mnaddfa u meħjuta. Ix-xhud ikkonferma li l-attriċi ma kellha l-ebda ħsara sinifikanti fil-muskoli, nervituri jew arterji tagħha u ddeskriva l-ġrieħi sostnuti minnha bħala 'ħfief'.

Permezz ta' nota tat-23 ta' Marzu, 2018, l-attriċi ppreżentat vera kopja tar-rapport mediku li għamel riferiment għalih **Mr Martin Scodacek** fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Diċembru, 2017[5], dokument li jindika x'appuntamenti għandha l-attriċi fin-*Neurology Clinic*[6], u ritratti li juru l-feriti f'idejn l-attriċi kemm qabel kif ukoll wara l-operazzjoni li saritilha.[7]

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' rapport imħejji mill-o*ccupational therapist,* **Maureen Gauci**, liema rapport sar fit-18 ta' April, 2018[8], fejn ittieħdu *goniometric measurements* fuq l-attriċi, minn fejn jirriżulta li:

> *"The ... results show a decreased range of motion in Ms. Cini's left wrist motion especially flexion. Ms. Cini also has decreased finger range of motion in the index and middle finger and hence she is unable to do a closed fist."*

Mit-testijiet li saru fuq l-attriċi rriżulta wkoll li hemm differenza konsiderevoli bejn is-saħħa li l-attriċi għandha f'idha tal-lemin u f'idha tax-xellug. Id-*DASH*[9] *score* tal-attriċi huwa ta' 72.25 minn 100, u Maureen Gauci, l-*occupational*

[4] *A fol.* 50 tal-proċess.
[5] *A fol.* 57 tal-proċess.
[6] *A fol.* 58 tal-proċess.
[7] *A fol.* 59 u 60 tal-proċess.
[8] *A fol.* 65 tal-proċess.
[9] *Disabilities of the Arm, Shoulder and Hand.*

*therapist* li ħejjiet ir-rapport, qalet li aktar ma jkun kbir dan l-*iscore,* aktar hi kbira d-diżabilità fil-persuna. Madanakollu dan ir-rapport hu nieqes minn dettall dwar kif dan l-iskor ta' 72.25 minn 100 fi kwestjonnarju li sar lill-attriċi, iwassal għall-konklużjoni li l-attriċi qiegħda ssofri minn debilità permanenti u f'liema grad.

Il-konvenut esebixxa sensiela ta' ritratti sabiex jindika t-tip ta' gaġġa u ambjenti li fihom jinżamm l-iljun inkwistjoni.[10] Missier il-konvenut, **Rosario sive Louis Galea** fl-*affidavit* tiegħu qal[11] li l-iljun inkwistjoni huwa rreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja f'isem ibnu Robert Galea, il-konvenut. Ix-xhud qal li hu familjari mal-iljun u mal-kura tiegħu, u żied jgħid ukoll li minħabba li l-iljun min-natura tiegħu hu annimal perikoluż, dejjem jinżamm imsakkar u ħadd ħliefu u ż-żewġ uliedu subien ma jitħallew jidħlu ħdejh. Ix-xhud qal li minkejja li jkun hemm diversi persuni li jitolbu li jaraw dan l-iljun, huma qatt ma jippermettu lil ħadd jidħol fil-gaġġa ħdejh, u meta jħallu lil xi ħadd jarah minn barra, iwissuh kontinwament biex ma jdaħħalx idejh jew jipprova jgħaddi ikel lill-iljun minn bejn il-vireg tal-gaġġa. Ix-xhud qal li dakinhar tas-7 ta' Ottubru, 2016, l-attriċi minn jeddha ddeċidiet li ddaħħal idejha fil-gaġġa sabiex tmelles lill-iljun, u dan għamlitu minkejja li ġiet imwissija kemm mill-konvenut kif ukoll mill-ġardinar li inzerta kien fil-viċinanzi, biex ma tagħmilx hekk. Ix-xhud qal li minkejja dawn it-twissijiet, l-attriċi xorta waħda ddeċidiet li ddaħħal idejha minn bejn il-vireg tal-gaġġa, liema vireg huma tant żgħar li l-attriċi kellha tisforza jdejha minn bejniethom biex tmiss l-iljun. Ix-xhud żied jgħid li dan kien att irresponsabbli għall-aħħar da parti tal-attriċi. Ix-xhud ippreżenta wkoll siltiet ta' kummenti u ritratti li l-attriċi tellgħet

[10] *A fol.* 74 tal-proċess.
[11] *A fol.* 83 tal-proċess.

fuq sit soċjali ftit ġranet wara li proprju seħħ dan l-inċident, fejn jidher li hi marret ġita Sqallija, u dan sabiex isostni li mhux minnu li l-ġrieħi sostnuti mill-attriċi kienu ta' natura gravi.[12] Uħud mir-ritratti esebiti ttieħdu saħansitra fil-kumpanija tal-konvenut.[13]

Fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2018 xehdet **Dr Vanessa Messina,** *veterinary officer* fl-*Animal Welfare Unit* tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja[14], li qalet li l-konvenut huwa liċenzjat sabiex iżomm ċerti annimali, fosthom iljun, u esebiet kopja ta' tali liċenzja. Ix-xhud qalet li l-konvenut kien applika għal liċenzja fit-22 ta' April, 2016, liema liċenzja ngħatatlu fl-14 ta' Diċembru, 2017, wara li saru numru ta' spezzjonijiet tal-ambjenti li fihom kellhom jinżammu l-annimali li ntalab il-permess għalihom.[15] Ix-xhud qalet li minn dawn l-ispezzjonijiet irriżulta li l-iljun kellu spazju suffiċjenti fejn kien qiegħed jinżamm, u l-konvenut bħala s-sid ta' dan l-annimal, huwa responsabbli mis-saħħa tal-annimal u mis-sigurtà tal-pubbliku. Ix-xhud qalet li l-gaġġa li ġiet ipprovduta għall-iljun hija b'saħħitha, u l-konvenut kien ħaseb għal sistema li permezz tagħha l-iljun jista' jiġi mitmugħ mingħajr il-ħtieġa li tinfetaħ il-gaġġa kompletament jew li wieħed jidħol ħdejh. Ix-xhud qalet li minkejja l-gaġġa u l-protezzjoni li l-iljun kien miżmum fiha, xorta waħda hu possibbli li wieħed idaħħal idejh fl-*enclosure* fejn jinżamm l-iljun.[16]

---

[12] Esebiti *a fol.* 85 *et seq.* tal-proċess.

[13] Fi kliem ix-xhud, "[n]għid illi l-fatt li l-attriċi siefret fi Sqallija u ħassitha komda biżżejjed biex tieħu ritratt mal-konvenut inqas minn xahar wara li seħħ l-inċident ma jaqbilx ma' dak li ntqal fl-*affidavit* tal-attriċi stess. L-attriċi qalet fl-*affidavit* tagħha li kien biss "wara l-ewwel xahar illi bdejt nara xi progressi minimi." Fl-umli fehma tiegħi, huwa diffiċli li jitwemmen li persuna li tkun allegatament sofriet mill-allegata negliġenza tal-konvenut li din issiefer, minkejja l-allegazzjonijiet ta' uġigħ qawwi, u li meta ma kinitx għadha bdiet tara progress fl-għeluq tal-ferita, tħossha komda biżżejjed li tieħu ritratt mal-konvenut waqt xi okkażjoni soċjali daqs li kieku ma kien ġara xejn."

[14] *A fol.* 91 tal-proċess.

[15] *A fol.* 97 tal-proċess.

[16] Għad-domanda tal-Qorti jekk hux possibbli li wieħed jisfa migdum mill-iljun mingħajr ma jiftaħ il-gaġġa, ix-xhud wieġbet, "*[n]o unless you take the hand and put it inside the cage but that is very stupid.*"

Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami tal-attriċi[17], li qalet li hi u l-konvenut kienu ħbieb sew, tant hu hekk hija kienet marret fil-proprjetà tiegħu fis-Siġġiewi diversi drabi. Qalet ukoll li hi u l-konvenut dejjem waħedhom kienu jkunu f'dan ir-razzett, għalkemm dakinhar li gidimha l-iljun kien hemm ukoll ġardinar tal-konvenut fl-inħawi. Żiedet tgħid li l-iljun ma kienx inħareġ mill-gaġġa dakinhar tal-inċident. L-attriċi saħqet li dakinhar li seħħ l-inċident kien il-konvenut li qalilha tmelles lill-iljun, u l-konvenut kien ħadilha xi ritratti qiegħda tmellsu. L-attriċi qalet li hija afdat lill-konvenut minħabba li kienet ħabiba tiegħu. L-attriċi qalet ukoll li meta l-konvenut kellem lill-Pulizija, dan qalilhom li kien gidimha *pit bull* fl-inħawi tal-Imġarr, u kienet hi li sussegwentement kienet irranġat il-verżjoni mogħtija lill-Pulizija. L-attriċi qalet li hi kkwalifikata bħala *nurse* b'*degree* mill-Università ta' Malta, u meta marret Sqallija ftit ġranet wara li seħħ l-inċident, hi kienet ħadet l-affarijiet magħha sabiex setgħet tagħmel il-medikaturi fuqha nnifisha. L-attriċi kkonfermat ukoll li dakinhar li seħħ l-inċident, ma kinitx l-ewwel darba li hi daħħlet idejha fil-gaġġa biex tmelles lill-iljun. L-attriċi qalet li mhux minnu li l-ġardinar li kien qiegħed fir-razzett tal-konvenut kien wissieha biex lill-iljun ma tmissux. L-attriċi qalet li l-ġardinar kien kellimha biss xħin mar inewlilha xugaman sabiex iżżomm il-feriti bih. L-attriċi qalet li ġie ċċertifikat li konsegwenza ta' dan l-inċident hi sofriet diżabilità f'idejha ta' tnejn u sebgħin fil-mija (72%).[18]

Il-konvenut fl-*affidavit* tiegħu qal[19] li dakinhar li seħħ l-inċident, hu u l-attriċi kienu qegħdin barra l-gaġġa tal-iljun, u f'ħin minnhom hu tbiegħed ftit mill-attriċi. Kien f'dak il-ħin li l-attriċi daħħlet idejha fil-gaġġa. Il-konvenut ċaħad li

[17] *A fol.* 105 tal-proċess.
[18] L-attriċi naqset milli tippreżenta kopja ta' dan iċ-ċertifikat.
[19] *A fol.* 118 tal-proċess.

kien hu li ħeġġeġ lill-attriċi ddaħħal idejha fil-gaġġa biex tmelles l-iljun. Qal li l-iljun ħataf id l-attriċi minħabba li ma kienx familjari magħha. Il-konvenut qal li dak il-ħin hu kien pront daħħal idu fil-gaġġa u ta daqqa ta' ponn lill-iljun sabiex dan fetaħ ħalqu u rrilaxxja id l-attriċi. Il-konvenut żied jgħid li dak il-ħin, il-ġardinar li kien fil-viċin dawwar flokk ma' id l-attriċi sabiex jipprova jwaqqaf id-demm. Il-konvenut ċaħad ukoll li hu kien talab lill-attriċi biex ma tmurx l-isptar ħalli hu ma jiġix fl-inkwiet. Qal li huma diversi l-persuni li jmorru fil-post fejn jinżamm l-iljun sabiex jarawh, iżda qal ukoll li hu u missieru ma jħallu lil ħadd jidħol ħdejh. Il-konvenut qal li sa fejn jaf hu l-attriċi kienet l-ewwel u l-unika persuna li qatt daħħlet idejha minn bejn il-vireg tal-gaġġa.

Ix-xhud **Anup Kanti Barua**[20], il-ġardinar li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed fir-razzett fejn jinżamm l-iljun, fl-*affidavit* tiegħu qal li l-attriċi injorat it-twissijiet tiegħu u daħħlet idejha fil-gaġġa fejn kien qiegħed jinżamm l-iljun, bir-riżultat li dan ġibdilha idha 'l ġewwa u gidimha. Qal li hu uża flokk sabiex temporanjament iżomm id-demm li beda ħiereġ mill-ferita li ħalla l-iljun. Ix-xhud qal li kien il-konvenut li ħa lill-attriċi l-isptar. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li jkunu bosta l-persuni li jmorru jaraw l-iljun, hu dejjem iwisshom biex ma jdaħħlux idejhom fil-gaġġa, u żied jgħid ukoll li din kienet l-ewwel darba li xi ħadd daħħal idejh bejn il-vireg tal-gaġġa biex imiss l-iljun.

Fl-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2018 tkompla l-kontroeżami tal-attriċi[21], fejn sarilha riferiment għall-perċentwal ta' diżabilità permanenti ta' tnejn u sebgħin fil-mija (72%) li kien issemma' minnha fl-udjenza preċedenti. L-attriċi qalet li din kienet ir-rata ta' diżabilità li ġiet stabbilita mill-fiżjoterapista tal-

---

[20] *A fol.* 119 tal-proċess.
[21] *A fol.* 121 tal-proċess.

isptar, li qalet li kellha "sensiela ta' appuntamenti" magħha. L-attriċi qalet li qabel seħħ dan l-inċident, hi kienet rat lill-iljun madwar erba' darbiet oħra, u kull darba kienet tosserva li sidu kien jidħol ħdejh u joqgħod viċin tiegħu u l-iljun ma kien jagħmillu xejn. Għas-suġġeriment li sarilha li jista' jkun li hi marret fil-proprjetà tal-konvenut minħabba li kienet f'relazzjoni miegħu, l-attriċi qalet li dan mhux minnu. Dwar il-fatt li l-attriċi ħassitha komda tmur Sqallija ma' grupp li fih kien hemm il-konvenut ftit tal-ġranet biss wara li seħħ l-inċident, hija qalet li hi ma ħadithiex kontra l-konvenut għax ma kienx hu li bagħat lill-iljun jigdimha.

Permezz ta' nota tal-10 ta' Diċembru, 2018, il-konvenut ippreżenta *affidavit* ulterjuri[22] fejn qal li tul iż-żmien li fih l-attriċi nżammet l-isptar wara l-inċident inkwistjoni, hu kien imur jaraha kuljum. Qal ukoll li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-partijiet kienu involuti f'relazzjoni bejniethom, liema relazzjoni bdiet madwar ġimagħtejn qabel l-inċident u kompliet sa madwar xahar wara. Qal ukoll li mhux minnu li l-attriċi kienet rat lill-iljun qabel, u dakinhar tal-inċident kienet l-ewwel darba li hija kienet rat lill-iljun.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2019 sar il-kontroeżami tal-konvenut[23], li qal li l-post fejn hu jżomm l-iljun hu post privat u mhux miftuħ għall-pubbliku. Qal ukoll li dakinhar tal-inċident kienet l-ewwel darba li hu ħa lill-attriċi fil-post. Il-konvenut qal li l-inċident seħħ waqt li hu tbiegħed ftit mill-attriċi biex jeħdilha ritratt mal-gaġġa tal-iljun, u kien f'dak il-ħin li hi daħħlet idejha. Il-konvenut żied jgħid li hu kien wissa lill-attriċi biex ma ddaħħalx idejha fil-gaġġa, u sakemm resaq lura, hi laħqet daħħlet idejha bejn il-vireg u l-iljun kien pront

[22] *A fol.* 125 tal-proċess.
[23] *A fol.* 128 tal-proċess.

ħatafhielha. Il-konvenut żied jispjega li hu kien diġà ħa r-ritratt meta l-iljun ħataf id l-attriċi. Qal li l-vireg qegħdin spazjati f'distanza ta' erba' pulzieri minn xulxin. Il-konvenut qal ukoll li wara l-inċident hu żied il-protezzjoni madwar il-gaġġa tal-iljun sabiex ma jerġax jiġri dak li ġara. Il-konvenut qal li wara li seħħ l-inċident kien hu li ħa lill-attriċi l-isptar u hu kien baqa' magħha l-ħin kollu. Il-konvenut ikkonferma li hu qal lit-tobba u lill-infermiera li lill-attriċi kien gidimha kelb, u huwa kien qal dan għax beża' li xi ħadd jagħmel xi ħaġa lill-iljun. Qal li anki l-attriċi kkonfermat dan. Il-konvenut qal li dak iż-żmien l-attriċi kienet qaltlu li kienet taf li l-inċident seħħ tort tagħha. Il-konvenut qal ukoll li mhux minnu li waqt il-mawra Sqallija, l-attriċi kienet niżlet Malta jumejn qabel sħabha tal-grupp minħabba fl-uġigħ li kellha.

Permezz ta' rikors tal-5 ta' Frar, 2018, l-attriċi ppreżentat ritratt li ttieħed mill-konvenut dakinhar li seħħ l-inċident, fejn hija tidher qiegħda tmelles l-iljun, b'idha fil-gaġġa. Dan ir-ritratt ittieħed mill-konvenut proprju fil-mumenti ta' qabel seħħ l-inċident mertu tal-kawża.[24]

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

Fl-ewwel lok il-Qorti trid tevalwa l-provi mressqa mill-partijiet sabiex tistabbilixxi jekk il-konvenut għandux jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Minkejja d-diverġenzi li jirriżultaw mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet, jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attriċi kienet qiegħda żżur lill-konvenut fi proprjetà li dan għandu fl-inħawi tas-Siġġiewi, fejn il-konvenut iżomm iljun f'gaġġa. Dan l-iljun illum hu kopert b'liċenzja li

[24] Kopja *a fol.* 137 tal-proċess.

nħarġet għal dan l-iskop wara numru ta' spezzjonijiet mid-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji, wara li ġie stabbilit li l-ambjenti fejn il-konvenut kien qiegħed iżomm l-iljun tiegħu kienu adegwati.

L-attriċi tgħid li kien il-konvenut li ssuġġerilha ddaħħal idejha bejn il-vireg tal-gaġġa u biex tmelles lill-iljun sakemm hu jeħdilha ritratt. Min-naħa tagħhom il-konvenut u missieru qalu li minkejja li huma jieħdu diversi persuni viċin il-gaġġa tal-iljun sabiex jarawh, huma dejjem iwissu lil min ikun fil-post biex ma jdaħħalx idejh fil-gaġġa fejn jinżamm l-iljun u biex ma jiġi offrut l-ebda ikel lil dan l-annimal, li missier il-konvenut stess irrikonoxxa li dan huwa annimal 'perikoluż'.

L-attriċi hija mara matura, omm ta' żewġt itfal, li xehdet li hi ggradwata bħala infermiera mill-Università, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għal xiex wieħed jaħseb li din ma kellhiex għarfien xieraq tal-import ta' għemilha u tal-konsegwenzi li jistgħu jinqalgħu jekk hi ddaħħal idha f'gaġġa ta' iljun. L-attriċi xehdet li kien il-konvenut li stedinha tmelles l-iljun sakemm jeħdilha ritratt, xi ħaġa li l-konvenut jiċħad. Madanakollu anki li kieku għas-saħħa tal-argument l-konvenut tassew ħajjar lill-attriċi tmelles l-iljun, ma jistax jingħad mill-attriċi li r-reazzjoni tal-iljun ma kinitx prevedibbli fiċ-ċirkostanzi jew li l-attriċi ma setgħetx tantiċipa din ir-reazzjoni b'mod loġiku. Għalhekk il-Qorti tqis li kien hemm element qawwi ta' volontarjetà da parti tal-attriċi meta ddeċidiet li tesponi ruħha għall-periklu ta' din ix-xorta. Ċerti annimali jinżammu f'gaġġa żgur mhux għad-dehra, imma minħabba raġunijiet validi ta' sigurtà u bħala mezz ta' prekawzjoni. Il-prudenza titlob li missier tajjeb tal-familja, f'dan il-każ omm tajba tal-familja, m'għandiex tisforza idha bejn il-vireg ta' gaġġa biex proprju tmelles iljun. Persuna bħalma hi l-attriċi, omm ta' żewġt itfal u

gradwata, bil-maturità tagħha messha kienet taf li annimal ta' dik ix-xorta ser jirreaġixxi bil-mod kif irreaġixxa jekk jiġi maħsud jew jekk l-ambjent tiegħu jiġi invadut minn persuna li mhux familjari magħha.

F'deċiżjoni riċenti fl-ismijiet **Maurice Hili *vs.* Francis Attard et**[25], ġew indikati liema huma l-elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tinżamm responsabbli għad-danni minħabba kulpa akwiljana:

> "Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabbilità akwiljana, il-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha. Ta' dan in-nuqqas trid tagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilità ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.[26]
>
> Ġie affermat mill-qrati tagħha:
>
> 'Illi sabiex tirnexxi azzjoni għad-danni jridu jiġu ppruvati erba' elementi:
>
> (i) Il-fatt dannuż illeċitu;
> (ii) L-imputabbilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu;
> (iii) Id-dannu kkaġunat minn dan l-istess fatt; u
> (iv) Id-'dolus' jew 'culpa' da parti ta' min ikun għamlu.[27]'
>
> Għalhekk biex ikun hemm ir-responsabbilità għad-danni trid tiġi ppruvata l-konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.
>
> In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li 'hu imprendexxibilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża.' (Vol. XLIV P. 1 pg. 343).

Il-Qorti tqis li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova, almenu fuq bażi ta' probabbilitajiet, li l-konvenut għamel xi ħaġa illeċita li wasslet għad-danni li sofriet l-attriċi konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. Mir-ritratt esebit mill-

[25] Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex (Kompetenza Superjuri), 26.02.2019.
[26] **Michael d'Amato noe *vs.* Filomena Spiteri,** P.A. 03.10.2003.
[27] **Agius *vs.* Busuttil**, Q.A., 14.12.1982.

attriċi fl-atti ta' dawn il-proċeduri, fejn apparentement il-konvenut ħadilha dan ir-ritratt qiegħda tmelles l-iljun, xorta waħda ma ġiex ippruvat in-ness rikjest bejn l-azzjoni da parti tal-konvenut u l-inċident li kellha l-attriċi. Anki jekk għas-saħħa tal-argument l-attriċi daħħlet idejha fil-gaġġa fuq suġġeriment tal-konvenut, hija ċertament kienet konxja li kien riskjuż jekk tagħmel dan. Dan l-aġir tal-attriċi kien jammonta għal nuqqas kbir ta' għaqal, jew imġiba li kif xehdet il-veterinarja tad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarja tista' titqies li "*it was a very silly thing to do.*" Jirriżulta ppruvat ukoll li fil-ħin li fih l-iljun ħataf id l-attriċi, il-konvenut ma kienx immedjatament ħdejn l-attriċi, u għalhekk ċertament ma jistax jitqies li kien il-konvenut li daħħal id l-attriċi fil-gaġġa b'mod furzat, iżda kienet l-attriċi li mingħajr ma qieset sew il-konsegwenzi ta' għemilha, li daħħlet idejha fil-gaġġa. Il-Qorti qieset ukoll dak li xehdet l-attriċi, li għad-domandi li sarulha tenut dwar in-nuqqas ta' animożità murija minnha fil-konfront tal-konvenut wara li seħħ l-inċident, l-attriċi rrikonoxxiet li ma kienx il-konvenut li ġiegħel lill-iljun jigdimha.

Il-Qorti tqis li l-aġir tal-attriċi kien nieqes mid-diliġenza u mill-prudenza normalment rikjesta f'ċirkostanzi fejn kienet hi li qegħdet lilha nnifisha f'sitwazzjoni li esponitha għal riskju bla bżonn. F'sentenza fl-ismijiet **Samuel Leone Ciantar *vs.* Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited**[28], intqal:

> "Skont ir-regola aċċettata fil-ġurisprudenza tagħna *volenti non fit iniuria,* ċioe jekk il-parti li sofriet id-danni tkun għażlet minn rajha u b'mod volontarju li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax imbagħad titlob kumpens għal dak li ġralha minħabba tali periklu."

[28] P.A., 19.11.2018.

F'deċiżjoni fl-ismijiet **David Gathergood *vs.* Anchor Bay Leisures Ltd et**[29] il-Qorti indikat liema huma r-rekwiżiti meħtieġa sabiex jitqies li hemm sitwazzjoni ta' volontarjetà fl-assunzjoni tar-riskju:

> "Il-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għar-riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għamil tal-parti l-oħra."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Manfred Alamango et *vs.* Victor Agius**[30] il-Qorti għamlet riferiment għal dak li ntqal mill-awturi **Catherine Elliott** u **Frances Quinn,** li juru l-fehma li l-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria,* jiskolpa kompletament mir-responsabbilità lill-parti konvenuta:

> *"This Latin phrase means 'no injury can be done to a willing person' and describes a defence which applies where the claimant has in some way consented to what was done by the defendant, on the basis that in giving consent the claimant was voluntarily taking the risk of harm. Unlike contributory negligence it is a complete defence, rather than a means of reducing damages: if the claimant consented, the defendant is not liable at all."*[31]

Jirriżulta b'mod ċar li fl-inċident mertu tal-kawża kien hemm element qawwi ta' volontarjetà da parti tal-attriċi sabiex għamlet dak li għamlet, bil-konsegwenza li seħħ l-inċident li għalkemm kien wieħed sfortunat, ma kienx tali li ma setax ikun prevedibbli da parti tal-attriċi. Hu għalhekk li l-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel talba tal-attriċi.

[29] P.A., 12.03.2012.
[30] P.A., 11.03.2015.
[31] Tort Law - Third Edition (2002) p. 111-2.

Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talbiet attriċi ladarba l-ewwel talba tal-attriċi mhijiex ser tiġi milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-ewwel talba tal-attriċi stante li kienet l-attriċi unikament responsabbli għall-korriment tagħha stess fl-inċident li seħħ fis-7 ta' Ottubru, 2016;**

2. **Tiċħad it-talbiet l-oħra tal-attriċi stante li dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba tagħha.**

**Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.**

Moqrija.